

Riforma tal-PKS – Konċessjonijiet tas-Sajd Trasferibbli

Għaliex il-Kummissjoni tipproponi Konċessjonijiet tas-Sajd Trasferibbli (Transferable Fishing Concessions – TFCs)?

Il-PKS ma rnexxilhiex issolvi l-problema tal-kapaċità żejda. Mill-1994 sal-2013 ser inkunu nfaqna EUR 2 73 biljun biex niskreppjaw bastimenti tas-sajd, iżda minkejja din in-nefqa enormi, il-kapaċità tas-sajd tagħna għadha tiżdied b'madwar 3 % fis-sena. L-ebda waħda mill-politiki tal-imgħoddi biex isolvu l-kapaċità żejda (Programmi Multiannwali ta' Gwida, Proporzjonijiet ta' dħul u ħruġ, l-ogħla limitu tad-daqs tal-flotta, skemi ta' skreppjar pubbliċi) ma ħadmu. Il-Qorti tal-Awdituri qed tistaqsi dwar l-użu tal-flus tal-kontribwenti fiskali biex tindirizza l-kapaċità żejda. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni qed tipproponi suġġerimenti bbażati fuq l-esperjenzi pożittivi ta' għadd ta' Stati Membri b'sistemi simili ta' TFC. Rapporti internazzjonali jindikaw li forom differenti ta' TFC "iwaqqfu, u anke jreggħu lura, ...kollasi ġeneral [tas-sajd] (Costello et al., 2008) u jgħinu biex jiksbu tkabbir ekonomiku (World Bank and FAO, [FAO], 2008.

Jekk it-TFCs ikunu ddisinnjati tajjeb jistgħu jkunu għodda effettiva għas-sidien tal-bastimenti biex jipplanaw l-attività tas-sajd tagħhom skont l-iżviluppi fis-suq, iħottu l-art il-qbid kollu u jipplanaw l-investimenti tagħhom. Joffru wkoll il-possibbiltà lis-sajjieda li jħallu l-industrija u minflok jingħataw kumpens finanzjarju. L-esperjenza turi li sistemi simili ta' TFCs iżidu wkoll ir-responsabbiltà tal-operaturi u jiffaċilitaw it-tnaqqis tal-ħut skartat.

X'qed tipproponi l-Kummissjoni?

Sa mill-2014, l-Istati Membri huma obbligati jintroduċu TFCs filwaqt li jsegwu prinċipji stretti. L-ewwelnett, ir-riżorsi tal-baħar huma u għandhom jibqgħu oġġett pubbliku. It-TFCs ma jistgħux jgħaddu drittijiet ta' proprjetà ta' riżorsi tal-baħar, iżda jgħaddu biss drittijiet tal-utenti biex jiġu sfruttati għal żmien limitat. Meta jagħlaq iż-żmien, it-TFC terġa' tmur lura għand l-Istat Membru, li huwa liberu biex jerġa' jallokaha skont l-istess kriterji ta' allokkazzjoni jew kriterji differenti. It-tieni, il-bejgħ, il-kera jew il-bdil ta' TFCs jista' jsir biss taħt kudizzjonijiet stretti billi huma biss is-sidien ta' bastimenti attivi u rreġistrati li jistgħu jixtruhom, bil-għan li jużawhom fuq bastiment liċenzjat u attiv. It-tielet, għandha tiġi rrispettata stabbiltà relattiva. Ir-raba', l-Istati Membri għandhom jreggħu lura t-TFCs f'każ ta' ksur serju mis-sid tal-bastiment, u l-ħames, għandhom jirriżervaw il-kwoti u t-TFCs għal sajjieda ġodda li qed jippruvaw jibdeu jipparteċipaw fis-sajd.

L-Istati Membri, filwaqt li jirrispettaw dawn il-ħames prinċipji, għandhom jintroduċu TFCs fil-livell nazzjonali f'sistema obligatorja għal kull speċi skont il-qabdiet totali permessi (total allowable catches - TAC) u l-kwota jew il-limitu tal-isforzi u għall kull bastiment akbar minn 12-il metru, kif ukoll għall kull bastiment b'irkaptu rmunkat. It-TFCs huma biss drittijiet tal-utenti li jitqassmu mill-Istat Membru lis-sidien tal-bastimenti għal ċerti perjodi. Huma perċentwali f'fisat tal-kwota nazzjonali għal stokk speċifiku tal-ħut. Meta jintuża l-isforz tas-sajd, bħal fil-Baħar Mediterran, it-TFCs għandhom japplikaw għall-allokkazzjonijiet tal-isforz. L-opportunitajiet tas-sajd mhux irregolati skont kwota jew skema tal-isforzi tal-UE jew dawk li jaqgħu taħt ftehim sostenibbli tas-sajd ma' pajjiż terz għandhom jibqgħu 'l barra minn sistema tat-TFC.

Kif għandhom jiġu allokatu l-kwoti u t-TFCs?

Il-proposta tipprevedi flessibbiltà għall-Istati Membri, iżda l-Kummissjoni tippreferi dan li ġej: L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu prijoritajiet nazzjonali jew reġjonali li jallokaw ċertu perċentwali mill-kwoti nazzjonali lill-flotta ta' skala żgħira. Il-bqija tal-kwoti jiġu mmaniġġjati skont it-TFCs. L-Istati Membri għandhom jiddisinnjaw is-sistema nazzjonali tat-TFC tagħhom flimkien mal-partijiet interessati, billi l-involvement mill-qrib tagħhom għandu jiżgura li s-sistema nazzjonali tat-TFC hija adattata għall-ispeċifikitajiet tal-Istat Membru kkonċernat u hija aċċettata mill-partijiet interessati. L-Istat Membru u l-partijiet interessati meta jkunu qed ifasslu s-sistema tat-TFC għandhom jiffavorixxu lill-komunitajiet kostali li jiddependu fuq is-sajd, il-prassi tas-sajd li aktar tħares l-ambjent u l-flotot artiġjanali. Għandhom iħallu sa 5 % mill-kwoti jew mit-TFCs għal dawk ġodda fis-sajd. L-Istat Membru u l-partijiet interessati għalhekk għandhom jużaw din is-sistema sabiex jipprijoratizzaw il-prassi tas-sajd li jikkunsidraw l-iktar mixtieqa, kemm għal raġunijiet soċjali kif ukoll ambjentali. Id-Danimarka, pereżempju użat it-TFCs biex tappoġġa komunitajiet kostali billi tat bastimenti ta' anqas minn 17-il metru żieda ta' 10 % fil-kwoti tagħhom għall-merluzz u għall-lingwata.

X'salvagwardji jista' jieħu Stat Membru?

L-esperjenza fi Stati Membri fejn tintuża sistema ta' TFC turi li jistgħu jiġu evitati riskji permezz ta' ppjanar. Meta tiġi ddisinnjata s-sistema, l-Istat Membru u l-partijiet interessati għandhom għalhekk jieħdu ħsieb li s-sistema tat-TFC ma tħallix lok għal spekulazzjonijiet jew sitwazzjonijiet li huma detrimental għal reġjuni dipendenti fuq is-sajd u l-attivitajiet relatati. Għandhom ukoll jirregolaw b'mod strett sistema tat-TFC u jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi fl-Istat Membru jkun jistgħu jaġixxu fi kwalunkwe ħin biex jiżguraw li d-detenturi tat-TFC ikunu konformi mar-regoli. Għal dan il-għan l-Istat Membru għandu juża sett ta' miżuri, bħal:

- l-esklużjoni ta' sajd fuq skala żgħira (<12m bi rkaptu passiv), sabiex ikun żgurat li d-drittijiet tas-sajd ta' dan is-settur importanti ma jinbiegħux lill-bastimenti akbar, ma tithallixx konċentrazzjoni eċċessiva billi jiġi evitat li ħafna drittijiet tas-sajd jispiċċaw f'idejn ftit sidien ta' bastimenti. Dan irid isir billi jiġu stabbilit perċentwali massimu ta' riżors speċifiku li jista' jinżamm minn kwalunkwe sid speċifiku ta' bastiment,
- parti mill-kwoti nazzjonali jiġu riżervati għal komunitajiet kostali li jiddependu fuq flotot ta' skala żgħira,
- it-trasferiment jiġi limitat għal ġo sajd speċifiku (eżempju konċessjonijiet għal ħut abjad jistgħu jiġu nneozjati biss ma' detenturi oħra ta' konċessjonijiet tal-ħut abjad, mhux ma' detentur ta' konċessjonijiet pelaġiċi).

Il-flotot ta' skala żgħira mhux ser jisparixxu mir-reġjuni kostali Ewropej?

Le, għaliex l-Istati Membri ser jeżentawhom mit-TFCs. Dan ifisser li madwar l-UE, 60 % ta' bastimenti jistgħu ikunu barra minn sistema ta' TFC permanentement. Fid-Danimarka, pereżempju, is-settur fuq skala żgħira ta' bastimenti ta' bejn 6 u 10 metri huwa mmaniġġjat 'il barra mis-sistema tat-TFC Daniża u dan ċkien wisq inqas meta mqabbel mal-bqija tal-flotta Daniża.

Kif jistgħu l-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (POs) jimmaniġġjaw it-TFCs?

F'bosta Stati Membri, il-POs jiġbru flimkien il-kwoti tal-membri tagħhom. Huma jimmonitorjaw l-użu tal-kwoti u l-kummerċ tal-ħatt, u jiskambjaw ma' POs oħra sabiex jimmaniġġjaw l-użu tal-kwoti. Jistgħu jimmaniġġjaw ukoll il-bejgħ u l-kiri tat-TFC fost il-membri tagħhom. L-immaniġġjar kollettiv ta' PO tat-TFCs ta' bosta membri jista' jippermetti skambju fil-ħin reali u ppjanar tajjeb tal-produzzjoni. Barra minn hekk, komunitajiet tas-sajd ta' sikwit jiddependu fuq il-qbid tas-sajd u l-industrija tal-ipproċessar bħala sors ta' dħul. Meta dawn in-negozji jingħaqdu flimkien permezz ta' Organizzazzjonijiet Interprofessjonali li jimmaniġġjaw b'mod kollettiv it-TFCs miġbura flimkien tal-membri tagħhom, dan jista' jkun ta' vantaġġ għal komunitajiet tas-sajd.

X'inhum mistenni f'termini ta' konsolidazzjoni tal-flotta tal-UE?

F'għadd ta' Stati Membri, it-TFCs għenu biex jirrazzjonalizzaw il-flotta. Fid-Danimarka, it-TFCs ġew introdotti fl-2003 għall-flotta pelaġika, li kienet naqset b'50 %. Għall-flotta demersali, it-TFCs ġew introdotti fl-2007 u din il-flotta ċkienet bi 30 % minn dakinhar. Il-profitti fiż-żewġ setturi żdiedu. L-Estonja introduċiet sistema tat-TFC fl-2001 u sal-2009 l-flotta ċkienet b'madwar 40 %. Fi Spanja, l-hekk imsejħa flotta ta' Gran Sol ċkienet bi 30 % bejn l-1992 u l-1997 permezz tal-użu tat-TFCs.